MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2010

Numru. 207/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Silvio Zammit bin Joseph u Mary nee’ Xerri, imwieled fl-20 ta’ Ottubru, 1946 u residenti Leah, Triq Karlu Galea, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 75146(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Silvio Zammit li gie akkuzat talli nhar il-21 ta’ Jannar, 2009 ghal habta ta’ 12:00hrs gewwa l-ghassa tar-Rabat, Ghawdex:

1) Kiser il-paci u l-bon ordni pubblika b’ghajjat u/jew glied u/jew storbju;

2) Ingurja u/jew hedded lil PS 581 Loreto Buttigieg, PS 664 Jason Xerri, PC774 Anthony Calleja, PC277 Joseph Cini, PC1170 Domenic Muscat, u WPC 114 Georgina Schembri persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz;
3) Aktar talli nhar l-24.01.2009 u fil-granet ta’ qabel gewwa Triq Karlu Galea, Rabat, Ghawdex naqas li jobdi l-ordni legittimi moghtija lilu mill-Pulizija fil-qadi ta’ dmirijiethom;
4) Minghajr il-hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel jew xort’ohra bl-awtorita’ tieghu nnifsu fixkel lil terzi persuni;
5) Talli ostakola jew mod iehor holoq xi dizordni jew inkonvenjent permezz ta’ oggett ta’ ngombru f’xi Triq, Moll, Xatt jew post iehor (L.S. 65.13 (11) (2) );

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi akkwiziti f’din il-kawza jirrizulta illi fil-gurnata tal-incident l-imputat kien mar l-Ghassa r-Rabat ifittex l-ghajnuna tal-Pulzija minhabba problema li kienet ilha tinkwetah ghal xi zmien. Jidher illi l-imputat ghandu drive-in fil-proprjeta’ tieghu quddiem il-garaxx fejn huwa jhalli l-vettura tieghu. Madanakollu ma hemm l-ebda sinjal li jindika dana u konsegwentement kienu qed jipparkjaw vetturi propju quddiem dan id-drive-way b’tali mod illi l-imputat kien qed jigi ostakolat milli johrog bil-vettura tieghu;0

Illi ghalkemm l-imputat kien anke mar ghand il-Pulizija diversi drabi u sahansittra anke kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar din il-problema, xorta wahda l-ebda

soluzzjoni ma nstabet. L-imputat kien anke kellem lis-Supretendent Antonello Grech li dak iz-zmien kien stazzjonat l-Ghassa r-Rabat, Ghawdex;

B'din ir-retroxena l-imputat ghalhekk wasal gewwa l-Ghassa tar-Rabat fil-jum tal-incident mertu ta' dina l-kawza minhabba li vettura kienet qed tibblokkalu d-drive-way tieghu. Illi l-Pulizija li kienu gewwa l-Ghassa dakinhar ma kinux a konoxxenza ta' dina t-retroxena u ghalhekk staqsew lill-imputat jekk kellux xi sinjal li jindika li l-vettura ma setghetx tipparkja quddiem id-drive-way tieghu. Hawnhekk l-imputat frott tad-disperazzjoni li hass dak il-hin, tilef xi ftit ir-raguni, beda jgholli lehnu u jghajjar lill-Pulizija li ma kinux jafu l-ligi u li ma jafux jaghmlu xogholhom u heddidhom li kien ser jirrapurtahom lis-superjuri taghhom, kif fil-fatt ghamel u telaq 'il barra mill-Ghassa;
Iktar tard meta s-Surgent 581 acceda fuq il-post wara li l-imputat kien fil-fatt irrapurtah lis-superjuri tieghu, irnexxielu jikkonvinci bil-kelma t-tajba lil sid il-vettura li kienet ipparkjata quddiem id-drive-way tal-imputat biex isuq;

Xi jiem wara u cioe' fit-23 ta' Jannar 2009, is-Surgent 581 kien rega' ghaddej minn quddiem ir-residenza tal-imputat u nnota illi l-imputat kien wahhal tliet (3) kanen fuq il-bankina u katina sabiex vetturi ma jipparkjawx quddiemu. Dawn il-kanen twahhlu fuq il-bankina minghajr permess tal-awtoritajiet ikkoncernati. L-ghada, fl-24 ta' Jannar, 2009, l-imputat gie ordnat mill-Pulizija biex inehhi dawn il-kanen. Inoltre gie osservat illi xi linji sofor li kienu saru mill-Kunsill Lokali taht il-bankina kienu tghattew b'zebgha safra mill-imputat;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx dubju illi l-imputat dahal u ghamel storbju gewwa l-Ghassa tal-Pulizija bir-rabja li kellu fuqu u nsulenta lill-ufficjali tal-Pulizija li kienu prezenti u li kienu qed jaqdu dmirijiethom;

Il-Qorti madanakollu meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ser tigi nflitta, ser tqis ic-cirkostanzi partikolari li fih sehh dan l-incident. Illi wkoll l-imputat ha l-ligi b'idejh meta ddecieda li jwahhal il-kanen fuq il-bankina quddiem id-drive-way tieghu sabiex vetturi ma jipparkjawx quddiemu;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(d), 95, 338, 85 u L.S. 65.13 (11) (2), issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah riprensjoni u ammonizzjoni fuq l-ewwel (1), it-tielet (3) u l-hames (5) akkuzi u multa kumplessiva ta' mitt ewro ghar-rigward tat-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------